ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 19/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 26 ta' Awwissu, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17:00hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

19.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 17

19.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 17 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 19.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 18 (B'Urġenza)

19.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 18 (B'Urġenza) li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mill-ERA rigward kors bit-tema 'Tree Care Specialist', liema kors qed jiġi offrut mill-Mcast għall-prezz ta' €275.

19.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li l-ġardinar tal-Kunsill għandu jattendi għal dan il-kors u l-ħlas għalih isir mill-Kunsill.

19.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Direttiva 4/2020 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Użu tal-Internet Banking.

19.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Direttiva 5/2020 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Depożitu ta' Flus fil-Banek.

19.4.3.1 Il-Kunsilliera staqsew lis-Segretarju Eżekuttiv jekk ir-residenti hux qed jagħmel użu bi ħlas bil-visa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li il-maġġor parti tar-residenti qed jagħmlu użu minn dan is-servizz u qed jinqdew tajjeb ħafna.

19.4.3.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din id-direttiva u qablu li l-Kunsill għandu jibqa' jaddotta l-miżuri meħuda qabel, jiġifieri li l-ħlasijiet ma jsirux bi flus kontanti iżda b'ċekk jew visa.

19.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità rigward il-Premju Anzjanità Attiva 2020.

19.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li għal din is-sena ma jinnominawx persuni għal dan il-premju.

19.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ser ikollu laqgħa mad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u mal-iStandards Authority rigward il-Liċenzjar tad-Day Centre.

19.4.5.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-Avukat kien ma jiflaħx u għaldaqstant il-Kunsill kien talab data oħra għal din il-laqgħa, liema data kienet għada ma ġietx riċevuta sakemm dħalna għal-laqgħa.

19.4.5.2 Apparti hekk is-Sindku qal li kien tkellem ma Sindki oħrajn li jilqgħu d-Day Centre fil-binja tagħhom u dawn flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jaqblu magħna wkoll fir-rigward ta' din il-liċenzja.

19.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li irċevejna kont mill-ARMS LTd. rigward il-meter tad-dawl li kien hemm fi Ġnien Rousset u li l-kont tiegħu qatt ma wasal il-Kunsill.

19.4.6.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-ispiża tmur lura mis-sena 1997 u telgħet għal €2734.40. Hu qal ukoll li wara li ddiskuta mal-Enemalta dawn naqqsu c-*charges* u talbu lill-Kunsill biex iħallas €1732.75.

19.4.6.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li dan il-kont jitħallas biex il-Kunsill ikun jista' jkompli bil-proġett ta' tisbieħ ta' Ġnien Rousset, tkun tista' titħaddem il-funtana u jiġu rranġati l-arbli tad-dawl. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

19.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* rigward Network of Towns, fejn qed jintalbu *partners* Maltin.

19.4.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li l-Kunsill japplika. Il-Kunsillier Cody Galea ser ikun qed jieħu ħsieb jipprepara l-applikazzjoni.

19.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward korrispondenza mingħand Tech.mt fejn il-Kunsilli ġew offruti servizz ta' wi-fi b'xejn f'postijiet pubbliċi.

19.4.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li l-Kunsill huwa interessat. Għaldaqstant talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat l-interess tal-Kunsill u titlob aktar informazzjoni dwar *installation fees* u jekk hemmx ħlas fis-sena għal dan is-servizz.

19.4.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew postijiet fejn jista' jsir dan is-servizz u ser ikun qed jiddeċiedi liema skont xi ħlas ser jintalab.

19.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-applikazzjonijiet dwar attivitajiet għall-European Mobility Week kienu miftuħa.

19.4.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li għal din is-sena ma jieħdux sehem fil-European Mobility Week.

19.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt dwar il-*projectors* li ser jingħataw lill-Kappillan biex jintużaw fid-Domus mill-kommunità ta' Ħal Kirkop kien lest.

19.4.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-kuntratt u qablu li tinstab data biex dan il-kuntratt jiġi ffirmat mill-Kappillan, mill-President tal-Kunsill Pastorali u mill-Kunsill.

19.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li r-Reġjun Nofsinhar kien ipprepara is-Southern Region Cultural Strategy u ser ikun qed isir taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun f'dan ir-rigward.

19.4.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija ikkonfermat l-attendenza tagħha għal dan it-taħriġ.

19.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva avviż mill-Qorti dwar il-kawża li l-Kunsill fetaħ dwar artiklu malafamanti miktub minn Salvu l-Koppi fil-ġurnal 'L-Orizzont'. Il-kawża ser tinstema nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2020.

19.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar is-sitwazzjoni tax-xogħol fi Triq San Pietru.

19.4.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew ix-xogħol li għaddej u qalu li l-mod kif saret id-*diversion* mhuwiex aċċettabli għax din għandha tkun malli toħroġ mill-mina biex is-sewwieqa ma jilħqux jaslu magħha meta jindunaw li ma jistgħux jidħlu. Apparti hekk hemm bżonn li t-tabelli tan-No Entry jkunu fissi għax it-temporanja li saret bil-kemm tidher.

19.4.13.2 Ġie deċiż li tintbgħat korrispondenza lil Transport Malta f'dan is-sens u tintalab l-għajnuna ta' Clean Malta minħabba l-ammont kbir ta' trab li hemm fl-akwata ta' Triq Valletta, Triq ir-Ramlija u Triq San Pietru.

19.4.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hemm diversi karozzi abbandunati f'Ħal Kirkop.

19.4.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintbgħat email lill-pulizija bil-lista ta' karozzi abbandunati f'Ħal Kirkop, biex dawn jitneħħew.

19.4.15 Is-Sindku Terence Agius qal li hemm problema rigward Triq Francis Mizzi peress li hija dejqa u bħalissa tinsab *two way*. Hu ssuġġerixxa li din issir *one way* għax infurmat li kien hemm xi aċċident.

19.4.15.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u talbu lis-Sindku jiċċekkja mal-pulizija kemm kien hemm aċċidenti biex jekk dan huwa post li ripetutament iseħħu inċidenti tat-traffiku, il-Kunsill imur għal aktar diskussjonijiet u konsultazzjoni pubblika dwar *traffic management* ġdid.

19.4.16 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien irċieva informazzjoni dwar il-*culverts* f'Ħal Kirkop li jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal li apparti dawn, kien hemm bżonn li jitnaddaf il-*culvert* li hemm fi Triq Valletta ma' Triq ir-Ramlija, liema *culvert* jitnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill.

19.4.17 Is-Sindku Terence Agius qal li hemm bżonn li jsir refreshing tas-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Karwija għax iċċaraw ħafna. Kien hemm qbil li ssir ordni għal dan ix-xogħol.

## 19.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

19.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar l-għodda li hemm bżonn tinxtara għall-ġardinar.

19.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li jitkellmu mal-ġardinar biex jaraw eżatt x'għandu bżonn, jinġiebu kwotazzjonijiet u tinxtara l-għodda meħtieġa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

19.5.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri tkellem dwar il-problema tal-klandestini li qed jaħarbu mill-barracks tas-suldati.

19.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u qablu li tintalab l-għajnuna tal-Ministru biex f'Ħal Kirkop ikun hawn il-Community Police biex jissorvelja Ħal Kirkop u preżenza tal-pulizija waqt il-ħinijiet tal-iskola.

19.5.2.2 Apparti hekk tinġibed l-attenzjoni biex il-*fence* tad-dawra tal-barracks jogħla għax huwa baxx ħafna u qed jaħarbu l-klandestini u jidħlu għand in-nies f'Ħal Kirkop. Dan biex tiżdied is-sigurtà u s-serħan il-moħħ għar-residenti ta' Ħal Kirkop.

19.5.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar it-tindif ta' Sqaq tal-Isqof, Triq il-Madonna tad-Dawl u Triq Giovanni Cassar. Hu qal li hemm ħafna ħaxix ħażin li hemm bżonn li jinqata' u jinġabar.

19.5.3.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tkellem lill-kuntrattur biex jieħu ħsieb li jagħmel dan ix-xogħol.

19.5.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn li ssir lista tal-għodda kollha li għandhom il-ħaddiema.

19.5.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jieħu ħsieb li ssir din il-lista mal-ħaddiema.

19.5.5 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn li jsir xi injam fuq il-bankijiet li hemm fi Triq Danny Cremona, liema bankijiet huma tal-konkos.

19.5.5.1 Il-Kunsilliera qablu dwar dan is-suġġeriment u dawn għandhom isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

19.5.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa jekk kienx hemm feedback minn naħa tal-Perit dwar l-arblu tal-Kunsill.

19.5.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet kellmitha l-Perita u ser tagħtina appuntament biex tiġi fuq il-post.

19.5.7 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar it-tabelli ta' Triq Tal-Fieres u qal li jidhirlu li hemm wisq tabelli li setgħu ġew evitati.

19.5.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dawn saru skont kif ġie mitlub minn Transport Malta u għaldaqstant ma jistgħux jitnaqqsu.

19.5.8 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar ir-Restawr tal-Arkata ta' San Ġakbu u f'hiex kien wasal dan ix-xogħol.

19.5.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet tkellmet mad-Dipartiment u l-Kunsill kien ġie infurmat li qed jiġu ppreparti l-affarijiet loġistiċi u minn naħa tad-Dipartiment se jkunu qed jinfurmawna meta ser ikun qed jibda x-xogħol fuq il-permessi meħtieġa.

19.5.9 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar id-dawl mad-dawra tal-katakombi u qalet li jidher li hemm minnu li mhux qed jixgħel.

19.5.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jiċċekkja dwar dan u jieħu l-passi meħtieġa biex dan jissewwa.

19.5.10 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-pjanti li hemm f'Misraħ San Leonardu għax dawn kellhom bżonn jissaqqew.

19.5.10.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li dawn kienu ssaqqew matul din il-ġimgħa.

19.5.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew li hemm dawn il-pjanti hemm bżonn li jinbidlu u jitħawlu oħrajn li jixirqu aktar għall-Pjazza tar-raħal. Il-Kunsilliera ser ikunu qed jitkellmu mal-ġardinar biex jaraw liema pjanti l-aħjar li jitħawlu.

19.5.11 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar il-ħadid tar-rampi tal-iskola u x'kien ser isir.

19.5.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li s-Sindku u l-Kunsillier Cassar jiltaqgħu u jaraw kif l-aħjar li jsir biex dan jinħadem kemm jista' jkun malajr.

19.5.12 Il-Kunsillier Cody Galea qal li fi Triq San Remiġ qed ikun hemm abbuż ta' ħruġ ta' skart mhux skont l-iskeda. Ġie deċiż li tintbgħat ittra ta' tfakkira dwar l-iskeda ta' ġbir ta' skart.

## 19.6 Rapport tal-Ilmenti

19.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment biex isiru *parking lines* fi Triq Tal-Fieres.

19.6.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lill-Contracts Manager jagħmel pjanta tal-parkeġġi u wara din tiġi diskussa fl-aħjar interess tar-residenti.

19.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva talba biex issir bankina jew *double yellow line* fi Triq San Leonardu.

Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u ġie deċiż li fejn mitlub isir *double yellow line* biex jiġu evitati problemi għar-residenti taż-żewġ naħat tat-triq.

19.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fir-rapport ta' l-ilmenti mibgħut lill-Kunsilliera kollha, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 19.7 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-Sena 20

19.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2020. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq it-Tieni Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

19.7.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2020 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 19.8 Vann tal-Kunsill

19.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li t-tender għax-xiri ta' Vann għall-Kunsill kif ġie approvat f'Seduta 18, minuta 18.1.4, għaddielu l-perjodu li fih setgħu isiru l-appelli u għaldaqstant il-kuntratt, mal-offerent li tefa' c-*cheapest compliant tender*, kien ser jiġi ffirmat.

## 19.9 Fond ta' Għajnuna lill-Għaqdiet Lokali

19.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li wara d-diskussjonijiet li kienu saru permezz tal-*emails* dwar talbiet li jsiru minn żmien għal żmien mill-għaqdiet tar-raħal, kienet tinħass il-ħtieġa li jsir xi tip ta' fond ta' għajnuna għall-għaqdiet.

19.9.2 Is-Sindku Terence Agius spjega l-ħsieb wara dan il-fond u talab lill-Kunsillier John Luke Cassar jispjega dak li kienu ddiskutew dwar it-tqassim ta' dan il-fond.

19.9.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li wara li nħadmet il-loġistika, il-fond jista' jkun imqassam kif ġej - €1000 lill-Għaqda Mużikali San Leonardu u s-Soċjetà Mużikali San Ġużepp; €500 lill-Kirkop United FC; €250 lill-Għaqda Kulturali Kirkop u Kirkop Paegant Group u €150 lill-għaqdiet oħra. Dan il-fond jinħareġ kontra spejjeż li jkunu saru għal xi attività jew bżonn ieħor tal-għaqda wara li tali spiża tkun ġiet mitluba u approvata mill-Kunsill. Dan il-fond isir b'kuntratt mal-għaqda rispettiva u jsir għal sena u jkun jista' jerġa' jiġġedded b'deċiżjoni tal-Kunsill.

19.9.4 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu fuq dawn il-figuri u fuq il-mod li bih għandu jitmexxa dan il-fond.

19.9.5 Għaldaqstant il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-fond ta' għajnuna lill-għaqdiet lokali jiġi approvat kif spjegat f'minuta 19.9.3, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 19.10 Skema dwar CCTV mir-Reġjun Nofsinhar

19.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera li r-Reġjun Nofsinhar kien approva skema ta' għajnuna finanzjarja għal spejjeż relatati ma' xiri u installazjoni ta' CCTV cameras jew tagħmir ieħor relatat mas-sistema tas-CCTV. Is-somma allokata għall-Kunsill ta' Hal Kirkop hija ta' €2000. Il-proposti għal din l-iskema jintlaqgħu sat-30 ta' Ottubru, 2020.

19.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-iskema u qablu li japplikaw għaliha. Is-Sindku ser ikun qed iġib speċifikazzjonijiet ta' cameras li jkunu tajba biex jinqabdu n-numru tal-vetturi.

## 19.11 Toqob tan-Nar tal-Art

19.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kien spjega f'Seduta Nru. 17, minuta 17.11, hu flimkien mal-Kunsillier Cody Galea kienu ltaqgħu ma' rappreżentanti tal-każini tal-banda rigward it-toqob tan-nar tal-art fi Triq San Nikola.

19.11.2 Is-Sindku qal li hu kien talab iżjed stimi iżda sakemm dħalna għal-laqgħa kien għadu ma rċieva xejn u kien se jkompli jiġri warajhom biex iġib stima oħra.

19.11.3 Is-Sindku qal ukoll li huwa infurmat li qabel jinħaraq in-nar tal-art l-għaqdiet qed jintalbu li jagħmlu *risk assessment* u għaldaqstant qabel isiru dawn it-toqob s-sindku ser ikellem lil min jagħmel ir-*risk assessment* biex it-toqob isiru kif suppost mill-ewwel.

19.11.4 Fil-frattemp il-Kunsillier Cody Galea qiegħed jipprepara draft ta' kuntratt li għandu jiġi ffirmat mal-għaqdiet tal-festi fir-rigward tat-toqob tan-nar tal-art.

## 19.12 Tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani – Triq l-Industrija

19.12.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kien maqbul f'Seduta Nru. 17 il-pjanta tal-*observation area* tal-ajruplani kienet intbgħatet lid-Direttur tal-Embellishment fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu biex naraw jistgħux ikunu ta' għajnuna f'dan ix-xogħol ta' tisbieħ.

19.12.2 Is-Sindku kompla jgħid li sakemm dħalna għal-laqgħa l-Kunsill kien għadu ma rċeviex *feedback*.

## 19.13 Ġbir tal-Ħġieġ

19.13.1. Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien infurmat minn GreenPak li WasteServ kien aġġorna l-operati interni u dawn kienu ser jaffetwaw il-ġbir tal-ħġieġ minn wara l-bieb. Infatti, mill-1 ta' Settembru, 2020, il-ħġieġ li jinħareġ wara l-bieb u li ma jkunx f'*reusable container*, mhux ser jinġabar u ser jitħalla fil-post.

19.13.2. Il-Kunsilliera qalu li għalkemm din setgħet inħadmet b'mod li kien iħalli inqas impatt fuq ir-residenti, il-Kunsill ma għandux triq oħra għajr li jinforma lin-nies b'dan it-tibdil. Il-Kunsill talab lill-GreenPak biex jagħtina din l-informazzjoni stampata biex titqassam bieb bieb, apparti li jsir ukoll reklamar fuq il-midja soċjali, biex ir-residenti jkunu infurmati.

## 19.14 Sotto Kumitat Ġemellaġġ Rousset

19.14.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsill li erbgħa mill-persuni li ġew imsejħa biex jagħmlu parti mis-Sotto Kumitat Ġemellaġġ Rousset kien aċċettaw li jservu. Is-Sindku kompla jgħid li kien jonqos biss risposta waħda biex dan is-Sotto Kumitat ikun jista' jibda jiltaqa' u tibda l-ħidma b'risq il-ġemellaġġ.

19.14.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ser ikunu qed jaħsbu f'persuna oħra biex tkun parti minn dan is-Sotto Kumitat, biex tkun tista' tibda l-ħidma b'risq il-ġemellaġġ.

## 19.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

19.15.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 105 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

19.15.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 105 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 19.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

19.16.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

19.16.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru, 2020 fl-4.30 ta' wara nofsinhar.

19.16.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:00hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 15 ta' Settembru, 2020

**Mozzjoni Ref:** 099/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 17.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 26 ta' Awwissu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 100/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 18 (B'Urġenza).

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Ritienne Caruana |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 26 ta' Awwissu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 101/20/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2020 jiġu approvati.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 26 ta' Awwissu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 102/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-fond ta' għajnuna lill-għaqdiet lokali jiġi approvat kif spjegat f'minuta 19.9.3.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 26 ta' Awwissu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 103/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 105.

| ___________________ | ___________________ |
| --- | --- |
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 26 ta' Awwissu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**